31992D0002

4.1.1992 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 1/22

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI
tal-4 ta' Diċembru 1991
li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 82/734/KEE dwar il-lista ta' stabbilimenti fil-Konfederazzjoni Svizzera approvata għall-għanijiet ta' l-esportazzjoni ta' laħam frisk lejn il-Komunità

(92/2/KEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 72/462/KEE tat-12 ta' Diċembru 1972 dwar problemi tas-saħħa u veterinarji meta jiġu importati annimali tal-ifrat u laħam tal-majjali u laħam frisk minn pajjiżi terzi [1], kif l-aħħar amendat bid-Direttiva 91/47/KEE [2] u partikolarment Artikoli 4(1) u 18 (1) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 77/96/KEE tal-21 ta' Diċembru dwar l-eżaminazzjoni għat- trichinae (*trichinella spiralis*) mal-importazzjoni minn pajjiżi terzi ta' laħam frisk minn majjali domestiċi [3], kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 89/321/KEE [4], u partikolarment Artikolu 4 tagħha,

Billi l-proċedura li rid tiġi segwita biex jiġu emendati jew issupplementati l-listi ta' stabbilimenti approvati f'pajjiżi terzi għall-importazzjoni ta' laħam frisk fil-Komunità ġiet stabbilita fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 90/13/KEE [5]

Billi lista ta' stabbilimenti fl-Isvizzera, approvati għall-esportazzjoni ta' laħam frisk lejn il-Komunità, ġiet stabbilita inizzjalment bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 82/734/KEE [6] kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ċ (91) 1060 tat-30 ta' Mejju 1991 [7];

Billi spezzjoni ta' rutina li saret bl-applikazzjoni ta' Artikolu 5 tad-Direttiva 72/462/KEE u ta' Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni tal-Kummissoni 80/15/KEE tal-21 ta' Diċembru 1979 dwar l-ispezzjonijiet fuq il-post li għandhom jitwettqu dwar l-importazzjoni tal-annimali tal-ifrat, majjali u laħam frisk minn pajjiżi li mhumiex membri, wriet li l-livell tas-saħħa u l-iġjene ta' xi stabbilimenti nbidel mill-aħħar spezzjoni;

Billi l-lista tal-istabbilimenti għandha, għalhekk tiġi emendata,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI

Artikolu 1

Anness tad-Deċiżjoni 82/734/KEE huwa mibdul mill-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, l-4 ta' Diċembru 1991.

Għall-Kummissjoni

Ray MAC SHARRY

Membru tal-Kummissjoni

---

(1) ĠU L 302, tal-31.12.1972, p. 28.
(2) ĠU L 268, ta' l-24.9.1991, p. 69.
(3) ĠU L 26, 31.1.1977, p. 67.
(4) ĠU L 133, tas-17.5.1989, p. 33.
(5) ĠU L 8, tal-11.1.1990, p. 70.
(6) ĠU L 311, tat-8.11.1982, p. 13.
(7) ĠU Ċ 149, tat-8.6.1991, p. 4.

ANNESS

LISTA TA' STABBILIMENTI

Nru tal-Approvazzjoni	Stabbiliment/Indirizz	Kategorija (*)							
		SL	CP	CS	B	S/G	P	SP	SR
101	Städtischer Schlachthof, 8004 Zürich	×			×		×		T
102	Städtischer Schlachthof, 3014 Bern	×			×		×		T
103	Städtischer Schlachthof, Basel	×			×		×		T
107	Städtischer Schlachthof, St Gallen	×			×		×		(3)
115	Gustav Spiess, 9442 Berneck	×	×		×		×		TF
121	Gehrig AG, 4170 Klus	×	×		×		×		TF
155	Frischfleisch AG, 6210 Sursee	×	×		×		×		(2)
240	Fleischhandel Crüzer AG, 7302 Landquart		×		×		×		
282	Tiefkühllager AG, 4623 Neuendorf			×					(1)
283	Frigo St Johann, 4056 Basel			×					(1)
291	Kühlhaus Neuhof AG, 9202 Gossau			×					(1), TF
297	Tiefkühlhaus AG, 8865 Bilten			×					(1), TF
298	Bahnhof-Kühlhaus AG, 4313 Möhlin			×					(1)

(*) SL : Biċċerija
B : Laham tal-ifrat
SR: Rimarki speċjali
CP: Post tat-tqattigħ
S/G : Laham tan-nagħaġ/mogħoż
CS : Friża
P : Laham tal-majjal
SP : Laham mis-*solipeds*

(1) Laham friżat ippakkjat biss

(2) Laham tal-majjal: laham ippakkjat biss li għadda mit-trattament ta' friżar kif maħsub f'Artikolu 3 tad-Direttiva 77/96/KEE

(3) Eskluż il-ġewwieni

T, TF L-istabbilimenti bl-indikazzjoni "T" jew "TF" huma awtorizzati, bit-tifsira ta' Artikolu 4 tad-Direttiva 77/96/KEE, li jagħmlu:
— it-trattament ta' friżar kif provdut b'Artikolu 3 tal-istess Direttiva (TF)
— it-testijiet għat-trichinae kif provdut f'Artikolu 2 tad-Direttiva msemmija aktar il-fuq (T)